9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 72**

**L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2023**

Il-Laqgħa numru 72 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 6 ta' Settembru 2023 fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**72.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri li s-Sur Gianluca Falzon u s-Sa Roberta Sultana kienu indisposti.

**72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**72.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 71 ġew approvati unanimament.

**72.2.2 Korrezzjonijiet**

**7.2.2.1** Minuta 71.5.5 – "is-7:00am" issir "it-8:00am"

**72.2.2.2** Minuta 71.5.11 – il-kelma "Dentristrija" issir "Dentistrija"

**72.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**72.3.1** Minuta 71.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ipprovda l-ispeċifikazzjonijiet u talab lill-offerant li tefa it-tender tal-latrina sabiex jibgħatilna kwotazzjoni ta' kemm hi id-differenza finanzjarja sabiex l-imsemmija latrina li trid issir fi ġnien Romeo Romano tkun waħda awtomatika. Irriżulta li l-offerant ma kienx interessat u għaldaqstant din it-tender ser taqa u jinħareġ wieħed ġdid.

**72.3.2** Minuta 71.4.2 - Is-Sindku informa lill-membri li wara l-esperjenza tal-maltempata li kien hawn ftit tal-jiem ilu rriżulta li fi Triq Vivion spiċċat mgħarrqa b'konsegwenza li kien hemm xi garaxxijiet li ġarrbu xi ħsarat. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li talab lil Infrastructure Malta u l-Hospice sabiex issir laqgħa urġenti sabiex din il-problema tiġi ndirizzata.

**72.3.3** Minuta 72.3.4 – L-intervista għal post tas-Segretarju Eżekuttiv ser issir fid-19 t'Ottubru 2023 fit-15:30.

**72.3.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ipparteċipa fil-programm li għamlet l-Aġenzija Żgħażagħ - *Find Superhero in Your life* skill programme fejn fil-5 ta' Settembru 2023 sar tindif ta' diversi toroq.

**72.3.5** Is-Sindku informa lill-membri li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat direzzjoni kif nistgħu nipproċedu fuq il-monument tal-Gwerra wara li kienet ħarġet is-sejħa tal-espressjoni t'interess.

**72.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**72.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-kirja tal-garaxx ser tiskadi fl-aħħar tas-sena u għaldaqstant trid issir komunikazzjoni mas-sid tal-garaxx biex naraw għadux interessat li jkompli jikri dan il-garaxx ħalli filkas tinħareġ espressjoni ta' interess.

**72.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva ittre fejn ġejna notifikati li xi snin ilu fi Triq il-Palazz l-Aħmar kien sar *gutter* taħt il-bankina per konsegwenza li persuna waqgħet u kisret l-ghaksa.

**72.5 Rapporti / Korrispondenza**

**72.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li hu irċieva invit mingħand is-Sur Gianluca Falzon sabiex jiltaqa' mal-Ministru Aaron Farrugia sabiex iduru Triq il-Kbira San Ġużepp.

**72.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kumitat Festi Esterni nforma lill-Kunsill li ma kienux iridu jibqgħu responsabbli sabiex jiftħu u jgħalqu l-ġonna. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li kien imisshom jgħamlu dan ix-xogħol l-Għaqda tal-Banda ta' Santa Venera u għadaqtant ser ikun iffirmat l-MOU magħhom.

Il-Membri qablu unanimament.

## 72.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 72.6.1 Lejla ta' Folklor

Is-Sindku talab lis-Sur Rayfonz Borg sabiex jieħu postu madwar il-lmejda sabiex jispjega fid-dettal dwar l-attivita marbuta mal-Folklor f'Santa Venera. Is-Sur Borg spjega li l-isem ta' din l-attivita' ser ikun *Folk Elegance and History of Santa Venera* u l-ħsieb hu li issir fil-21 t'Ottubru 2023 fi Triq il-Kbira San Guzepp min fejn Umberto Callosso sa ħdejn is-Salib eżatt qabel ma tibda Triq Braille. Huwa qal li ser isir uzu mill-bini storiku kollu li hemm f'din in-naħa tat-triq apparti wkoll li ser ikun hemm aktar props sabiex ikun hemm effett fuq l-istorja ta' Santa Venera. Ser issir ukoll l-inawgurazzjoni tal-ilma sabiex wieħed imur lura fl-istorja għalfejn kien iservi l-akkwadott u ser ikun hemm animazzjoni minn diversi atturi.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm oġġezzjoni minħabba d-data peress li fl-istess ġurnata kien ser ikun hemm il-festival taċ-ċikkulata fil-Ħamrun. F'dan ir-rigward ġie suġġerit sabiex id-data tinbidel u issir viċin Jum Santa Venera jiġifieri fil-11 ta' Novembru 2023. Is-Sindku qal li ġaladarba nbidlet id-data u jrid iġib konferma mir-Regjun peress li diġa' kien hemm ġurnata stabbilita dik tal-21 t'Ottubru 2023.

Il-Membri qablu unanimament sabiex għal din l-attivita jkun hemm baġit ta' €12k li minnhom jingħataw €8k mir-Reġjun.

### 72.6.2 Serata ta' *Halloween*

Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jinforma lill-membri dwar l-attivita' tal-Halloween. Is-Sur Dimech qal li tkellem mal-Scouts Group fejn dawn qablu li jsir MOU hekk kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Huwa qal li biex jinxtara l-materjal kollu tat-tiżjin tal-ġnien Romeo Romano flimkien ma DJ, sound, attrazzjonijiet varji, dawk u reklami tal-attivita', huwa stmat li jkun hemm baġit ta' €3k.

Wara diskussjoni il-membri qablu ma din il-proposta sabiex din l-attivita' ssir kif ippjanat.

### 72.6.3 *Residential Parking*

B'referenza għaċ-cirkulari AKL 2023/075 - Laqgħa Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet, is-Sindku informa lill-membri li matul dawn l-aħħar ġimgħat l-Assoċjazzjoni kellha sensiela tal-laqgħat mal-Ministeru responsabbli mit-Transport fejn ġie spjegat fid-dettal id-dokument imniedi dwar il-parkeġġi fil-lokalitajiet. Dan anki wara d-diversi talbiet li saru fost l-oħrajn l-iskemi ta' parkeġġi residenzjali. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona sabiex Santa Venera tinqasam f'diversi żoni. Huwa qal ukoll li jrid issir studju kif dawn jistgħu ikunu implementati fil-lokalita u għaldaqstant issuġġerixxa sabiex Dr Antoine Zammit jagħmel dawn l-istudji f'dawn iz-zoni.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

**72.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**72.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 415 ġie innutat li l-ammont tal-pagament Nru 616 ma kienx qiegħed jikkorrispondi mal-PO li inħarġet u għaldaqstant dan il-pagament ġie miżmum sakemm ikun hemm kjarifika. Il-kumplament tal-iskeda 415 u l-Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech.

**72.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**72.9 Lista ta' Ilmenti**

**72.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 236 | Qed nistennew riżultat ta' Dr Antoine Zammit |
| 239 | Contracts Manager |
| 240 | Ser tiġi irranġata minn Infrastructure Malta |
| 241 | Kienet ġiet irrifjutata minn Transport Malta |
| 242 | Inċidenti kienu ikkawżati minħabba drifting |
| 243 | Issir petizzjoni għal fejn qed tkun proponuta |
| 244 | Qed nistennew komunikat mingħand Transport Malta |
| 246 | Contracts Manager |
| 248 | Contracts Manager |
| 251 | Ħaddiema Assenjatu u issir it-triq kollha |
| 253 | Works Order Girima & Sons |
| 256 | Contracts Manager |
| 257 | Works Order Grima & Sons |
| 258 | Ħaddiema Assenjati u issir it-triq kollha |
| 259 | Transport Malta |

## 72.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-9:00pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Ottubru 2023, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 9 ta' Ottubru, 2023